# Kunsill Lokali Il-Gżira

283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A26-14

14 t’ April 2014

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/26**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-Tnejn **21 t’ April 2014 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta’ Skeda ta’ Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni ta’ l-*Audited Financial Statements*
6. Diskussjoni u Approvazzjoni ta’ l-Attivitajiet ta’ Jum il-Gżira
7. Diskussjoni u Approvazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti *Re-Surfacing Triq Manoel de Vilhena*
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

**21 t' April 2014**

**Seduta Nru: 25 - KUNSILL LOKALI GŻIRA**

Minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 27 ta' Marzu 2014 fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrativ tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

**Is-Sinjuri:**

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Vincenza Attard, Joe Camilleri, Charles Micallef St. John, J.M. Muscat u Victor Rutter flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-21 ta' Marzu 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Numru 25 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joseph M. Muscat

## 2. Materji Konnessi

**2.1 Paġna Nru: 5 para 7.1** – Iċ-*Chairman* ta' rendikont tal-laqgħa ta' rikonċiljazzjoni li kellu mas-Segretarju Parlamentari Dott Zammit Lewis u s-Sindku ta' Tax-Xbiex. Huwa kompla jgħid li matul il-laqgħa ma ġewx diskussi punti stateġici. Hu qal ukoll, li kien kiteb direttament lil Prim Ministru biex il-Kunsill ikollu garanzija li jekk kemm –il darba id-devoluzzjoni tkun irtirata, wara li jgħaddu l-ħamsa u għoxrin sena l-ġnien jerġa' jingħata lill-Kunsill Lokali tal-Gżira. Il-Prim Ministru, wara li kkonsulta ma' l-Onor. Michael Farrugia, Segretarju Parlamentari responsabbli mill-ippjanar, aċċeda għall-garanzija li talab is-Sindku.

Iċ-*Chairman* fil-preżenza tal-*Minority Leader* waqt laqgħa fl-uffiċċju tas-Segretarju Zammit Lewis ingħata assigurazzjoni lit-*Transport Malta* qabel ma toħroġ l-Espressjoni t'Interess jsiru laqgħat ta' kunsultazzjoni separatament mal-Kunsill Lokali u mar-residenti.

Matul id-diskussjoni li saret, ċ-*Chairman* ssuġġerixxa li għandu jinħatar rapprezentant tal-Kunsill sabiex jirrappreżenta lill-Komunita' fuq il-Kumitat ta' l-amministrazzjoni tal-Marina u l-Ġnien biex ikun żgurat li l-garanziji li jingħataw jitwettqu, kif ukoll josserva bir-reqqa l-kundizzjonijiet li jinħarġu fl-Espressjoni t'Interess.

Il-*Minority Leader* Charles Micallef St. John qal, li fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill għandu jagħmel ħiltu kollha biex il-Kunsill preżenti ma jibqax magħruf li kien strumentali biex jitnaqqsu d-drittijiet tar-residenti.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsill għandu jitlob lura dawk il-fondi li l-Kunsill kien nefaq għall-*embellishment* tal-ġnien.

Iċ-*Chairman* talab biex tiġi sospiża l-*Agenda* minħabba li kien wasal is-Sur Steve Farrugia, in rappreżentanza ta' *SRF Cleaning Services Ltd,* kuntrattur tal-knis. Huwa kien akkumpanjat mill-Avvukat Dott John Gauci.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**2.2** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Zammit (ETC Skema: Xogħol fil-Komunita') fejn fost affarijiet oħra ġie rrimarkat li matul l-spezzjoni li kien għamel dik il-ġurnata ma kienx hemm kenniesa.

Is-Sur Steve Farrugia qal li matul dawn is-snin li ilu kuntrattur ma' dan il-Kunsill dejjem għamel ħiltu u dak mitlub minnu dwar l-indafa f'din il-lokalita.

Hu kompla jgħid li ħassu nġurjat għall-kliem iebes li ntbaħat fl-*e-mail* (dan ġie kkonfermat mill-Avukat John Gauci).

Iċ-*Chairman* irringrazzjahom u qal li l-Kunsill kien ser jieħu l-azzjoni meħtieġa biex din is-sitwazzjoni ma terġax tirrepeti ruħha.

Is-Sur Steve Farrugia u l-Avukat Dott John Gauci rringrazzjaw lill-Kunsill u ħarġu mill-laqgħa.

Matul id-diskussjoni li saret, Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li propju dik il-ġurnata lill-kennies kien kelmu kmieni filgħodu fi Triq San Albert u kien ra lill-kuntrattur flimkien mal-kennies fi Pjazza Gerry Zammit għall-ħabta tal-11.00 a.m.

Il-Kunsillier Joseph M. Muscat ukoll kien ra lill-kennies fil-lokalita'.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal, li xi drabi s-Sur Alexander Zammit ikun wisq agressiv fil-kitba tiegħu u ssuġġerixxa li din il-korrispondenza għandha tiġi mwieġba, filwaqt li l-Viċi-Sindku qal li l-Kunsill għandu lill-Kunsillier konċernat dwar l-ambjent.

*Iċ-Chairman* ppropona li kemm l-Ambjent kif ukoll il-Bon Ordni jerġgħu jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Kunsillier Joe Camilleri.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta sopracitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John u ġie deċiż ukoll li l-Kunsill u l-Kunsillier Joe Camilleri jkellmu lill-kuntrattur.

**2.3** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John informa li kellu laqgħa mal-Viċi-Sindku u ma' l-assistent prinċipal tal-Kunsill Fabian Borg sabiex jiġu organizzati attivitajiet għall-Jum il-Gżira bħal esebizzjoni ta' pitturi, esebizzjoni ta' artiġjanat u tal-*crafts club.* Dettalji jingħataw fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier Charles Micallef St. John telaq fis-6.15 minħabba mpenn ieħor.

**2.4 Paġna Nru: 3 para 3.4 –** Il-Kunsillier J.M. Muscat ta' rendikont tal-laqgħa li kellu dwar il-*Foundation for Educational Services* u qal li dan ċ-*Child Care Centre* ser ikun fl-iskola tal-Gvern u diġa qassam formoli ta' applikazzjonijiet għal dawk interessati.

## 3. Korrispondenza

Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sas-27 ta' Marzu 2014 kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

**3.1** Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom

**3.2** Rigward korrispondenza li ntbagħtet mill-Perit Felix J. Sciberras dwar problemi li s-Sinjuri Aguis għandhom fil-propjeta' tagħhom 13, Sandringham Court fi Triq San Albert ġie deċiż li din il-materja ma taqax taħt ir-responsabbilita tal-Kunsill iżda ta' l-iżviluppatur.

Iċ-*Chairman* informa li l-applikazzjoni li ġiet sottomessa lill-*MEPA* dwar fondi mill-*U.I.F.* għall bankini li saru fit-toroq Ganni Bencini, Belvedere u l-parti t'isfel; ta' San Albert ma ġietx aċċettata minħabba l-fatt li x-xogħlijiet ma kienux konformi skont ir-rekwiżiti tal-K.N.D.P. Huwa kompla jgħid li kellu laqgħa kemm maċ-*Chief Executive* tal-*MEPA* kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill u kienet ser terġa' tintbagħat applikazzjoni oħra skont ir-rekwiżiti mitluba.

**3.3** Il-Kunsillier Victor Rutter telaq fis-6.40 p.m. minħabba mpenn ieħor.

**3.4** Iċ-*Chairman* nforma li kienet ġiet approvata *ż-zebra crossing* skont il-pjanta li bagħat il-Kunsill, fi Triq Msida.

**3.5** Għat-talba li tressqet mis-Sur Rdowan Hijazi sabiex jinstalla tinda għall-bejgħ ta' xorb u ikel waqt il-perjodu tal-*World Cup 2014*, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsib ebda oġġezzjoni kemm –il darba dan ikollu l-permessi kollha neċessarji mill-entitajiet konċernati.

**3.6** Inqrat ittra mibgħuta mill-*MEPA* fejn il-Kunsill ġie nfurmat li kienu ser jintużaw sa 30% mill-fondi allokati tal-*U.I.F.* biex isir tindif u jinbnew *boundary walls* f'dawk il-*plots* li kienu fi stat t'abbandun fil-lokalita'. Dawn il-fondi jiġu rifonduti kemm –il darba sid il-propejta' iħallas id-*direct action fees* dovuti.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill kkonkluda li ma kienx jaqbel ma' din il-korrispondenza għax kien ta' l-opinjoni li l-fondi tal-*U.I.F.* għandhom jiġu utilizzati għall-proġetti aktar importanti fil-lokalita'. Għalhekk ġie deċiż li għandna niktbu ittra lill-*MEPA* kupjata lis-Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali.

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimament li l-ħin għat-talba li saret għal *Alighting & Boarding parking bay* għall-*Happy Days Child Care Centre* – Misraħ Turu Colombo għandu jkun mid-8.45 – 9.15 am u 12.30 – 1.00 p.m. *and unrestricted Parking remaining hours.*

**3.8** Il-Kunsill qabel unanimament għat-talba li saret mis-Sur David Xuereb biex titneħħa l-*parking bay* li hemm quddiem l-entratura tas-*swill room* tas-*Savoy Gardens* fi Triq il-Freres u tiġi nstallata tabella li taqra *No Parking mis-06.00 – 09.00 a.m. and unrestricted parking remaining hours* u dan minħabba l-problema li kien qed jiffaċċia l-kollettur ta' l-iskart meta jiġi biex ibbattal l-i*skips*.

**3.9** Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Carmelo Ritchie dwar ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu waqt li kien għaddej minn Pjazza Meme' Scicluna.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li dan il-każ ma kienx suffiċjentament pruvat.

**3.10** Rigward il-korrispondenza li ntbagħtet mid-ditta tal-Periti Falzon & Cutajar dwar talba għat-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbilimenti *'Pasta Party - 135, Triq ix-Xatt', 'Ristorante Romano Via Guilia – 154A Triq ix-Xatt' – 'Da*

*Sofia – 136A Triq ix-Xatt Gżira'* il-Kunsill qabel li ma jsib ebda oġġezzjoni kemm – il darba jkollhom il-permessi kollha meħtieġa mill-Awtoritajiet konċernati.

**3.11** Iċ-*Chairman* qal li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet**

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-Ħlasijiet Klg6/25 minn numru 1094 sa 1142 (*appendix* nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda *sopracitata* b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti *Re-Surfacing* Triq Manoel de Vilhena**

**5.1** Rigward is-suġġett sopracitat, iċ-*Chairman* informa li l-Perit tal-Kunsill kien ħejja l-ispeċifikazzjonijiet u l-*B.O.Q.* ta' din is-sejħa u minħabba l-fatt li l-ispiża kienet ser tkun wisq għall-Kunsill kien qed jissuġġerixxi li hu jagħmel kuntatt mal-Ministru Joe Mizzi dwar il-possibbilta' ta' xi għajnuna.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku mas-suġġeriment *sopracitat*.

**6. Affarijiet Oħra**

**6.1** Il-Kunsiller Joe Camilleri qal li kien avviċinat min resident dwar problema li dan kellu sabiex jidħol u joħroġ mill-garaxx tiegħu fil-viċinanzi tal-115, The Strand.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li jitranġaw il-*parking bays* f'din iż-żona versus Sliema b'tali mod li wieħed ikun jista' jidħol u joħroġ mill-garaxx mingħajr problemi.

**6.2** Minħabba l-fatt li l-laqgħa pubblika ma saritx fis-17 ta' Frar 2014 minħabba raġunijiet li l-Kunsill ma kellux kontrol fuqhom, din ser issir it-Tnejn 7 t' April 2014 fis-7.00 p.m.

**6.3** Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2013 ġie approvat unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**6.4** Ġie pprezentat ir-rapport mibgħut minn *NB Engineering Services Ltd* dwar il-*playing fields* fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li għandhom isiru l-ħsarat u l-manutenzjoni meħtieġa liema xogħlijiet, għandhom isiru mid-ditta *M Quip Co. Ltd* għall-ammont ta' madwar €431.00

## 7. Laqgħa Oħra

**7.1**. Il-laqgħa ntemmet fis-7.45 p.m.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
A/Segretarju Eżekuttiv

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **KLG6/26**

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/26 - 21.04.2014 **Data:** **28.03.2014 - 21.04.2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Polidano Bros Ltd | € 15,882.20 | € 15,882.20 | T | 10% Tender GLC06/2011-Kerbs & Pavements | Feb 2014 | | 1143 | | | |
| 2 | Alexandra Galea | € 375.00 | € 375.00 | Q | Craft Lessons - April 2014 | 30.04.2014 | 54 | 1144 | | | |
| 3 | Nathalie Camilleri | € 295.11 | € 295.11 | Q | Librarian Services April 2014 | 30.04.2014 | 009 | 1145 | | | |
| 4 | EM Cleaning Services | € 5,590.50 | € 5,590.50 | T | Door to Door April 2014 | 30.04.2014 | 119 | 1146 | | | |
| 5 | EM Cleaning Services | € 836.06 | € 836.06 | T | Public Convenience April 2014 | 30.04.2014 | 120 | 1147 | | | |
| 6 | EM Cleaning Services | € 930.58 | € 930.58 | T | Bulky Refuse - March 2014 - 170 calls | 30.04.2014 | 121 | 1148 | | | |
| 7 | EM Cleaning Services | € 215.00 | € 215.00 | T | Extra Collec Good Friday 18.04.2014 | 30.04.2014 | 122 | 1149 | | | |
| 8 | Mr A Zammit | € 168.00 | € 168.00 | D | Maint Savoy Gardens | 01.04.2014 | 11324506 | 1150 | | | |
| 9 | D.O.I. | € 9.32 | € 9.32 | D | Advert Gov Gazz.Exec Secretary | 11.03.2014 | | 1151 | | | |
| 10 | Mifsud Squire Bookshop | € 86.93 | € 86.93 | D | Newspapers - March 2014 | 31.03.2014 | 130 | 1152 | | | |
| 11 | Bonnici's Press | € 145.95 | € 145.95 | D | Complimentary Slips | 02.04.2014 | 3542 | 1153 | | | |
| 12 | Melita plc | € 245.24 | € 245.24 | D | Usage & Internet - 08.03.2014-07.04.2014 | 04.03.2014 | 35644724 | 1154 | | | |
| 13 | G4S Sec.Serv Malta Ltd | € 141.60 | € 141.60 | Q | Cash In Transit March 2014 | 31.03.2014 | GS009597 | 1155 | | | |
| 14 | MITA | € 29.81 | € 29.81 | D | e-mail acc.-Oct - Dec 2013 Councillors | 21.03.2014 | SIN029662 | 1156 | | | |
| 15 | ARMS Ltd | € 18.28 | € 18.28 | D | Act. Centre 12.12.2013-15.02.2014 | 17.03.2014 | 18266814 | 1157 | | | |
| 16 | ARMS Ltd | € 388.12 | € 388.12 | D | Admin Office 14.12.2013-17.02.2014 | 28.03.2014 | 18315853 | 1158 | | | |
| 17 | E.L.C. | € 2,214.29 | € 2,214.29 | T | Maint of Soft Areas - March 2014 | 31.03.2014 | 010531 | 1159 | | | |
| 18 | J.F. Mallia Ltd | € 359.99 | € 359.99 | D | Maint bozoz - Job No: 330 | 29.03.2014 | 1068 | 1160 | | | |
| 19 | Portughes Dry Cleaning | € 40.00 | € 40.00 | D | Cleaning of Curtains Act Centre | 26.03.2014 | 0850854 | 1161 | | | |
| 20 | Sliema Plumbing Centre | € 76.00 | € 76.00 | D | Sanitary wares Savoy Gardens | 11.04.2014 | 001640 | 1162 | | | |
| | Sub Total c/f | **€ 28,047.98** | **€ 28,047.98** | | | | | | | | |
| | Total | **€ 28,047.98** | **€ 28,047.98** | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Il-Gzira

Skeda Nru: KLG6/26

## Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/26 - 21.04.2014 **Data:** 28.03.2014 - 21.04.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | EcoPure LTD | € 12.74 | € 12.74 | | D | Consumables Adm Office | 10.04.2014 | 570004 | 1163 | | | |
| 22 | IBIS Group Ltd | € 266.30 | € 266.30 | | D | Maint Server Adm Office | 31.03.2014 | 87 | 1164 | | | |
| 23 | FGP Ltd | € 30.00 | € 30.00 | | D | Repair of Roller Shutter | 18.03.2014 | 22655/P | 1165 | | | |
| 24 | Alfa Co. Ltd | € 35.00 | € 35.00 | | D | rental photocopy - Feb 2014 | 31.03.2014 | 30007540 | 1166 | | | |
| 25 | Allied Newspapers | € 68.91 | € 68.91 | | D | Advert locality Call | 11.05.2014 | AS/1565744 | 1167 | | | |
| 26 | GO plc | € 36.25 | € 36.25 | | D | 21334254/21341034 Calls March Rent April 2014 | 07.04.2014 | 37370111 | 1168 | | | |
| 27 | GO plc | € 22.06 | € 22.06 | | D | 21322157 - Calls March Rent April 2014 | 07.04.2014 | 37370568 | 1169 | | | |
| 28 | GO plc | € 19.28 | € 19.28 | | D | 21341616 - Calls March Rent April 2014 | 07.04.2014 | 37370115 | 1170 | | | |
| 29 | The Toolbox | € 201.79 | € 201.79 | | D | inv.12348 Maint Act Ageing Centre | 08.01.2014 | 12348 | 1171 | | | |
| 30 | ARMS Ltd | € 760.00 | € 760.00 | | D | Application Water - Savoy Gardens | 15.04.2014 | | 1172 | | | |
| 31 | ARMS Ltd | € 466.00 | € 466.00 | | D | Refundable Deposit Water Savoy Gardens | 15.04.2014 | | 1173 | | | |
| 32 | ARMS Ltd | € 300.00 | € 300.00 | | D | Application Electricity - Savoy Gardens | 15.04.2014 | | 1174 | | | |
| 33 | ARMS Ltd | € 466.00 | € 466.00 | | D | Refundable Deposit Elect. Savoy Gardens | 15.04.2014 | | 1175 | | | |
| 34 | Gżira Local Council | | | | | Honorarja & Wages | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | **€ 2,684.33** | **€ 2,684.33** |
| Sub Total b/f | **€ 28,047.98** | **€ 28,047.98** |
| Total | **€ 30,732.31** | **€ 30,732.31** |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier